# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kawza tal-VAT

PC/VAT/5234 A

Reg No. 2625-7106

Il-Pulizija

Vs

Tania (Antonia) Gouder Micallef

Illum, 10 ta`Gunju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra **Tania (Antonia) Gouder Micallef** imwielda fis-6 ta' Mejju 1975, Malta u residenti Blk B, Bieb A, Fl 1, Triq Tursin il-Bir, Santa Lucija, Malta li ghandu n-negozju fl-indirizz 179, Tad-Doughnuts, Triq Hompesh, Fgura Malta akkuzata talli waqt spezzjoni b' sorpiza li sehhet fil-**21 ta' Ottubru, 2022** gewwa **179, Tad-Doughnuts, Triq Hompeish, Fgura, Malta,** int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register fiskali* jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilek imhallas

ghal dik il-provvista u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Semghet ix-xhieda ta' Roderick Zammit Randich, Ivan Azzopardi fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2023 prodotti mill-prosekuzzjoni; semghet ix-xhieda ta' Simon Vella fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2023;

Rat li l-prosekuzzjoni u difiza ghalqu l-provi taghhom rispettivament fis-seduta tal-2 ta' Novembru, 2023;

Rat l-artikoli partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, il-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha

Ikkunsidrat,

Provi tal-prosekuzzjoni

**Roderick Zammit Randich**, *revenue inspector*, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi xehed fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2023. Flimkien ma kollega tieghu Ivan Azzopardi kienu inkarigati jaghmlu numru ta spezzjonijiet gewwa l-Fgura fil-21 ta` Ottubru, tas-sena 2020.

Ghamlu inspection gewwa hanut jismu Tad-Doughnuts triq Hompesch Fgura. Fil-hanut sabu mara Antonia Micallef bin-numru tal-karta tal-identita' 344575M.

Jixhed li qabel ma dahlu fil-hanut kienu waqfu klijenta barra l-hanut li qaltilhom li nefqet 3 ewro pero ma inaghtatx ircevut.

Meta dahlu huma fil-hanut irrizulta il-cash register ma kienetx qed tahdem u tlabniha tohrog fiscal receipt manwali li hargitha dak il-hin. L-ircevuta fiskali giet ezebita.

In kontro-ezami jirrispondi li meta dahlu fil-hanut ma rawx transazzjoni ssir quddiemhom.

Il-klijenta li kellmu barra l-hanut ma hadux il-particulars taghha.

**Ivan Azzopardi**, *Vat Revenue Inspector,* mal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana xehed fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023. Il-kollega tieghu u hu kien qehdin jduru l-hwienet jaghmlu inspection. Il-hanut mertu tal-kaz jismu Tad-Doughnuts u jinstab Hompesh Road, Fgura. Jikkonferma li kienu qed jistennew barra l-hanut harget sinjura, staqsewha jekk xtratx u jekk inghatax ircevuta fiskali u rispondiet li xtrat u ma inghatax rcevuta fiskali. Staqsewha jekk tridx tigi maghhom rispondiethom li ma xtaqietx u hu u l-kollega tieghu dahlu fil-hanut. Fil-hanut kien hemm Ms. Tania Micallef (K.I. 344575 M) li f'dak il-hin il-cash register ma kienetx qed tahdem.

"Xhud: Iva 344575M, u saqsejniha ghalfejn ma hargitx l-ircevuta u tlabniha tohrogha dak il-hin tad-doughnuts.

Qorti: Hi qaltilkom li li filfatt ma kienetx ghamlitha dit-transazzjoni? Jew qaltlek iva ha nohrog il-Vat receipts?

Xhud: Dak il-hin speci ta ma hargitiex umbaghad tlabniha biex tohrogha u hargitha.

Avu: U kif hargitha?

Xhud: Bhala manual fuq fiscal receipt book."

Jikkonferma li l-ircevuta fiskali ezebita in atti inharget dak li hin meta saret l-ispection. Fuq wara tal-ircevuta hemm id-dettalji tas-Sinura Tania Micallef li nizzilhom hu stess. L-informazzjoni taghtilu s-Sinjura Micallef li qed jaghraf fl-awla.

In kontro-ezami jirrispondi li ma talbux dettalji tal-persuna li raw hierga mill-hanut. Fil-hanut dahal mal-kollega tieghu u mhux wahdu.

Id-dettalji tas-sinjura Micallef hadhom minn fuq l-ID card taghha li wrietilhom hija stess.

Provi Difiza

**Simon Vella**, l-imputat xehed fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2024. Dak iz-zmien kien responsabbli tal-hanut ghaliex kien mikri lilu. Fuq dak in-nhar li saret l-inspection jixhed.

"Xhud: Jiena kont hemm, u wiehed minnhom l-ewwel wiehed li tkellem ma giex il-hanut mhux vera, mela u jiena mhux ma tajtiex ircevuta, l-ircevuta kienet nofs bil-linka u nofs l-iehor le ghax kelli il-cash register bil-hsara u wiehed minnhom lili qalli l-aqwa li hrigtha ghedtlu igifieri m̀ghandiex problemi, qalli le m̀ghandekx u jekk trid nghidlek f̀wiccu it-tieni wiehed li dahal.

Qorti: Ghandek dir-ricevuta?

Xhud: L-ircevuta tajtielhom u hrigtha minn gol-cash u kemm hu veru kelli l-affarijiet iddettaljati kollha qegdhin BǨara fil-Wied u ghedtilhom li qeghda bil-hsara u dak iz-zmien konnha ftit wara il-Covid qalli li l-parts qed idumu ma jigu ahdem kif inhi ghalissa u jiena bdejt nahdem hekk, jien bdejt nahdem gieli tohrog nofsha linka u nofsha le.!

Jipprezenta erba' rcevuti Dok SV 1 sa Dok SV 4.

Ma kienx prezenti meta kien hemm is-sinjura li l-inspectors waqfu pero' kien prezenti meta dahal l-inspector. Ma kienx prezenti meta l-impjegata harget l-ircevuta fiskali manwali.

Ikkunsidrat

Fil-kaz in ezami, l-ispetturi tal-VAT jixhdu li waqqfu persuna hierga mill-hanut, li wara li giet mistoqsija qaltilhom li xtrat u ma inghatatx ircevuta. Din il-persuna ma ttellatx tixhed u x-xhieda tal-prosekuzzjoni ikkonfermaw li ma talbux particulars ta' din il-persuna. Inoltre, fix-xhieda tieghu Roderick Zammit Randich jikkonferma li quddiemhom ma saritx transaction. Il-Qorti tqis li l-aqwa prova kienet tkun li din il-persuna ttitella tixhed u li dak li xehedu fuqu l-ispetturi huwa biss hearsay evidence u ghalhekk inamissibbli bhala prova.

Mix-xhieda johrog ukoll li meta l-ispetturi xtraw mill-istabiliment huma inghataw dak il-hin rcevuta fiskali manwali li giet ezebita in atti u dan peress li l-cash register ma kienx qed jahdem kif suppost.

L-imputat fix-xhieda tieghu mill-banda l-ohra jghid li huwa kien taha rcevuti mill-cash register li ma kienux qed johorgu cari ghaliex ma kellux inka fiha u li huwa kien informa lis-spetturi tal-VAT

Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni. Il-Qorti ma tħossx li l-Prosekuzzjoni laħqet il-livell mistenni minnha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Minn naħa l-ohra, l-Qorti temmen illi d-difiża laħqet il-livell tal-prova mistenni minnha u cioe' dak tal-probabbli stante li l-verżjoni tal-appellat hija verosimili u ghalhekk ġġustifikata.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat artikoli partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, il-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 issib lil imputata **Tania (Antonia)**

**Gouder Micallef** mhux hajai tal-akkuzi migjuba kontra taghha u tilliberaha minn kull htija u piena.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**